MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 392/2011

**Tanya Cauchi**

**(Id 389764M)**

**Vs**

**Kuraturi Deputati biex jipprezentaw lill-assenti Joseph Mizzi (Id 1163M) u b'nota tas-27 ta' Mejju, 2011 Joseph Mizzi assuma l-atti f'ismu propju**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-03 ta' Mejju, 2011 fejn l-attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, tliet mija u sittin ewro (€1,360) rapprezentanti tmien (8) xhur manteniment ghat-tifla minuri tal-partijiet Roberta Mizzi, u cioe' minn Ottubru 2010 sa Mejju 2011, u dan skont kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Liza Schembri datat 30 ta'

Mejju, 2006 (Dok. A). Bl-ispejjez u bil-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Illi fis-06 ta’ Lulju, 2011 il-konvenutipprezenta risposta li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-attrici qeghda tircievi ammont superjuri ghal dak mitlub, dirett minghand l-employer ta’ l-eccipjent.

Illi ghalhekk it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Illi l-eccipjent qed jipprevalixxa ruhu minn din ir-risposta u prezenta kontro-talba li permezz taghha ecepixxa li l-partijiet huma mizzewgin izda legalment separati kif jirrizulta minn kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri ta’ 30 ta’ Mejju, 2006.

Illi miz-zwieg taghhom huma ghandhom tlett itfal li jisimhom Deandra, Raiza, u Roberta.

Illi skont il-klawsola numru 9 l-esponenti ntrabat li jhallas manteniment ta’ sitta u sittin lira Maltija (Lm66) ekwivalenti ghal mija u hamsa u tletin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€153.74) ghal kull wahda mit-tlett minuri sakemm dawn jaghlqu 23 sena jew sakemm it-tfal huma finanzjarjament indipendenti liema tigi l-ewwel, bil-ghan illi huwa jirrizerva dritt li jhallas l-manteniment dirett lil wild koncernata malli taghlaq 18 il-sena, liema manteniment joghla skont l-indici ta’ inflazzjoni.

Illi fir-rigward tat-tifla Roberta. effettivament sa Mejju, 2011 l-esponenti jhallas il-manteniment, kemm minnu direttament kif ukoll tramite l-employer tieghu ferm in eccess minn dak stipulat u ghalhekk tali eccess ghandu jigi irreffus lil esponenti.

Illi sa Mejju, 2011 l-esponenti hija rceviet is-somma ta’ elfejn sebgha mija u dsatax –il ewro u erbgha centezmi (€2719.04) direttament mill-employer ta’ l-esponenti kif ukoll is-somma ta’ elf u dsatax-il ewro u erbgha u sittin centezmu (€1,019.64) ghal perjodu bejn Lulju u Settembru, 2010. Huwa hallas lill-attrici s-somma ta’ hames mija u tlettax-il ewro (€513), u ghalhekk hija rceviet is-somma ta’ tlett elef u disgha u hamsin u erbghin centezmu (€3,059.40) indebitament u li ghandhom jigu rifusi lill-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob l-attrici tigi kkundanata thallsu s-somma ta’ tlett elef u disgha u hamsin ewro u erbghin centezmu (€3,059.40) rapprezentanti eccess ta’ manteniment lilha mhallsa sa Mejju, 2011, bl-interessi mid-data tal-prezentata ta’ din ir-risposta.

Illi fis-26 ta’ Lulju, 2011 l-attrici pprezentat risposta ghall-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha eccepixxiet illi fl-ewwel lok il-kontro-talba hija irritwali permess li dak li qed jitlob fil-kontro-talba l-konvenut rikonverzjonant ma jaqghax fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal Ghal-Talbiet Zghar u dan kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.

Illi bla pregudizju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma ghal kollox privi minn kull fondament guridiku peress li ma hux minnu li qua manteniment kif stipulate fil-kuntratt in kwestjoni hu hallas xi eccess.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz, hawn si tratta ta’ l-azzjoni ta’ l-indebiti solutio. L-ammont kollu jew parti sostanzjali minnu f’kull kaz mhux dovut, peress li l-azzjoni esperita hija perenta ai termini ta’ l-Artikolu 1027 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Salvi risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenzjonant, minn issa ngunt in subizzjoni.

It-Tribunal wara li ra d-dokumenti u semgha x-xhieda

Ikkunsidra:

1. Il-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Mejju, 2006 (Ins. 10045/06) fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri.
2. Illi miz-zwieg taghhom kellhom tlett itfal Deandra, Raisa u Roberta. Illi Raisa u Roberta kienu ghadhom minorenni meta l-partijiet isseparaw.
3. Illi skont il-klawsola numru 9 l-esponenti ntrabat li jhallas manteniment ta' sitta u sittin lira Maltija (Lm66) ekwivalenti ghal mija u hamsa u tletin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€153.74) u dan ukoll ghat-tifla l-kbira Diandra. Il-manteniment ghandu jigi rivedut kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja "*such maintenance shall remain payable until the child is financially dependent or reaches the age of twenty three whichever occurs first"*. Ir-ragel pero' rriserva d-dritt li jhallas dan il-manteniment direttament lit-tfal wara li jilhqu l-eta ta' tmintax (18)-il sena. Il-kuntratt jghid ukoll illi l-ispejjes straordinarji ta' sahha nkluzi dentist u optalmiku ser jithallas f' porzjonijiet ugwali filwaqt li dawk ordinarji jibqghu r-responsibilita' tal-parti li mieghu qeghdin jghixu it-tfal. Spejjez tal-iskola ghandhom jithallsu mill-mara.
4. Tanya Cauchi fethet kawza fit-3 ta' Mejju, 2011 ghaliex mill-1 t' Ottubru, 2010 sa Mejju, 2011 ir-ragel ma tahiex manteniment ghall-minuri Roberta – fl-ammont ta' mija u wiehed u sebghin ewro (€171) euro kull xahar. Skont hi r-ragel waqaf milli jaghti l-manteniment ghaliex

biddel l-impieg tieghu fejn minhabba x-xoghol jithallas *allowance* ghall-familja li kien qed jaghdilha. Illi dan l-ammont huwa parti mill-pakkett finanzjaru tieghu. Il-mara tieghu bdiet tircievi l-flus ghaliex hu ddikjara illi kellu tlett itfal u li kien separat u hi kellha l-kura u kustodja tal-minuri.

5. Ir-ragel ikkonferma dan illi fl- 1 ta' Lulju, 2010 beda mpjieg gdid. Illi meta kien bla xoghol qed jistudja l-Universita' xorta kien baqa' jirrispetta l-kuntratt u jhallas il-manteniment. Illi fil-perjodu bejn Lulju u Settembru, 2010 kien hallas l-ammonti hu lill-mara, l-ammont indikat fil-kuntratt u ukoll thallset elf hames mija u wiehed u tmenin ewro (€1,581) kull xahar, f'Ottubru thallset elf sitt mija u hames ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,605.25). Hu sar jaf illi l-mara bdiet tithallas direttament mis-salarju tieghu u ghalhekk waqaf ihallas l-ammont ta' mija u wiehed u sebghin ewro (€171). Bejn Novembru 2010 sa Settembru 2011 hi thallset tlett mija disgha u tletin ewro u disgha u tmenin centezmu (€339.89) fix-xahar. Illi fid-data dan zdied ghall-hames mija u ghoxrin ewro u tnejn u sittin centezmu (€520.62) kull xahar ghall-wild minuri. Ma kienx jaf l-ammonti ghaliex kienu jvarjaw, pero jaf illi dawn naqsu ghaliex beda jhallas dawn l-ammonti direttament lit-tfal maggorenni. Illi ghalhekk, skont hu, l-mara kienet koperta skont il-kuntratt. L-*allowances* tat-tfal huma kollha marbutin ma' edukazzjoni u ghalhekk huwa obbligat jaghti l-kuntratt ta' separazzjoni lil-*employers* tieghu kif ukoll kull informazzjoni dwar l-istudji taghhom.
6. F'Settembru, 2010 hu baghat e-mail lill-martu u nfurmaha illi ser tircievi ammont akbar minn dak indikat fil-kuntratt, illi pero kellha tqassam l-ammonti zejda mat-tfal. (Ara dok 3 a fol 49) Hi ma segwitx l-istruzzjonijiet tieghu, nfatti ma kellhiex tiehu l-flus tal-kbar ghaliex lanqas kienu qeghdin jghixu maghha.
7. It-tifla z-zghira taghlaq tmintax-il sena f' Mejju, 2012 u sa dakinhar tas-seduta kienet ghadha tghix ma' ommha.

**Ikkunsidra:**

It-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar ghandu l-obbligu l-ewwel u qabel kollox jiddeciedi l-kawzi quddiemu bl-ekwita'. Skont l-attrici dan l-*allowance* kien jithallas direttament lilha ghaliex skont il-kuntratt hi kellha l-kura u kustodja tat-tifla u ghalhekk dawn l-ammonti ma kienux u ma humiex marbutin mal-manteniment. Illi ghalhekk skont l-attrici dan huwa *allowance* u m'ghandux jigi kkunsidrat bhala manteniment skont il-kuntratt u ghalhekk il-manteniment ghandu jithallas xorta wahda.

Illi skont l-attrici dan l-*allowance* huwa *ex-lege* filwaqt li l-manteniment huwa stipulat fil-kuntratt ta' bejnithom. Isegwi ghalhekk skont hi li huwa indipendenti mir-ragel ghaliex huwa ghandu jithallas lil minn qed jiehu hsieb it-tfal jew jekk huma indipendenti lit-tfal stess. Infatti fil-kaz tat-tfal il-kbar il-flus kien jithallsu lill-missier li kien jaghtihom lit-tfal.

Illi skont Art 1 para 2 Anness VII:

*2. The household allowance shall, be granted to:*

*a) a married official;*

*b)* ***an official*** *who is widowed, divorced,* ***legally separated*** *or unmarried and has one or more dependent children within the meaning of Article 2 (2) and(3) below;*

*7. If custody of the dependent child within the meaning of paragraphs 2 and 3 has been entrusted by law or by an order of court or of the competent administrative authority to another person, the dependent child allowance shall be paid to that person* ***in the name and on behalf of the official.***

Huwa car illi dan il-pagament ossia *allowance* qed jithallas minhabba l-impjieg bhala qarrej tal-Provi (grad AST3(II) mal-Kummissjoni Ewropea minghajr l-impieg tieghu dan l-*allowance* ma jithallasx ghalhekk mhuwiex daqshekk independenti bhal benefficji ohra per ezempju *children's allowance* li jitkomplu jithallsu. Illi ghalkemm jissejjah *allowance* dan l-ammont jithallas ***for and on behalf of the official*** – dawn il-kliem minnhom huma xhieda cara li l-hlas qed isir a nom in rapprezentazzjoni tal-haddiem in kwistjoni.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi l-intenzjoni tal-artikolu huwa car illi minkejja dak stipulat fil-kuntratt il-*carer* tat-tfal ghandu jithallas l-ammonti li jidhrilhom huma **pero** f'ismu u in rapprezentanza tieghu. Illi *di piu* dan kien parti mill-pagament finanzjarju tieghu bis-sahha tax-xoghol tieghu u ghalhekk jekk jieqaf jahdem l-*allowance* tieqaf ukoll ghalhekk ma tistax titqies indipendenti.

Illi huwa minnu illi ma gabx prova li kellu l-ghazlu setgha jiehu l-*allowance* hu u lanqas ma hareg mill-artikoli tar-Regolamenti tal-personnel tal-Kummissjoni Ewropea. Illi pero' t-Tribunal ma jhossx illi din ghanduha tkun ir-raguni ghaliex persuna – mara jew ragel ghandhom jhallsu mis-salarju taghhom l-ammont indikat fil-kuntratt tas-separazzjoni minkejja hlasijiet mill-*employer* taghhom specjalment jekk dak l-ammont jeccedi l-ammont stipulat. Ma hemm xejn li jirregola din il-kwistjoni la fir-Regolamenti tal-personnel tal-Kummissjoni Ewropea u lanqas fil-kuntratt stess. Ghalhekk it-Tribunal ghadu jasal ghall-decizjoni bbazata fuq dak li jhoss huwa ekwu u gust. Kien vantagg u beneficcju ghall-mara li tircievi dawn l-ammonti li kienu aktar mill-manteniment, pero li tippretendi illi jithallsu il-manteniment it-Tribunal ihoss illi ma hijex gustifikata f'din it-talba.

Ghalhekk il-menteniment ghandu jitqies bhala parti minn dan il-pagament. Ghal din ir-raguni ma jistax jilqa' t-talba attrici.

Fir-rigward il-kontro-talba u r-risposta tal-kontro-talba il-konvenut rikonvenzjonat iddikjara bic-car ill kien lest li ma jiehux rimborz tas-somom mitluba minnu li hallas.

Illi l-attrici pprezentat risposta ghal kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha eccepixxiet illi fl-ewwel lok il-kontro-talba hija rritwali permess li dak li qed jitlob fil-kontro-talba l-konvenut rikonvenzjonant ma jaqax fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal Ghal-Talbiet Zghar u dan kif ser jirrizulta fil-kors tat-Trattazzjoni tal-kawza. It-Tribunal ma jaqbilx mat-tezi tal-attrici rikonvenzjonata illi m'ghandhux kompetenza ghaliex mhuwiex minnu li l-kuntratt ta' separazzjoni u jew il-modalitajiet tieghu ser jitmissu. Illi pero' jaqbel illi din hija kwistjoni ta' '*indebiti solutio'* u ghalhekk it-talba ma hijiex preskritta ghaliex it-terminu ta' sentejn ma ghaddewx. Illi pero' peress illi l-konvenut rikonvenzjonat sahaq kemm il-darba li ma kellux intenzjoni li jigbor dawn il-flus u ghamel it-talba biss ghaliex l-attrici fethet kawza jhoss li ghalhekk arbitri boni viri galadarba ma laqghax it-talba attrici mhuwiex ser jacetta il-kontro-talba. Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tal-attrici u jilqa' r-risposta tal-konvenut u jichad it-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------